MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 200/2003

**Dione Bezzina f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Dione Bezzina & Sons Limited**

**Vs**

**Domnic Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur pro et nomine talab li l-konvenut jigi kundannat jhallas is-somma ta' Lm1800.00,0 (elf u tmin mitt Lira) bilanc minn somma akbar dovuta mill-konvenut prezz ta' ghamara u xoghol ta' injam iehor mibjugha u debitament konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-15 ta' April 2002 u tas-26 ta' Marzu 2003 u dawk tal-ittra ufficjali tat-

13 ta' Mejju 2002, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta it-talbiet attrici, liema nota guramentata mill-istess konvenut giet presentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 2003 (ara fol 10 kif ukoll fol 8 u fol 9 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tal-attur pro et nomine u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur pro et noe s-somma ta' Lm1800.00,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-15 ta' April 2002 u tas-26 ta' Marzu 2003 u ta' dik ufficjali tat-13 ta' Mejju 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------